**Minuti tal-20 Laqgħa tat tieni-Kumitat Amministrattiv ta' Ħal Farruġ li saret nhar il-Ġimgħa 23 ta' Settembru 2016 fil-5:30 P.M. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa**

Preżenti: il-Membri

| | |
|---|---|
| Ic-Chairperson | Is-Sur. Raymond Saliba |
| Il-Membri | Is-Sur. Joe Borg<br>Is-Sur. Kerstin Gatt |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Michael Portelli |

**Aġenda**

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Imqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Aġġornament

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti ġew approvatti b' vot unanimu.

## 2. PUNTI IMQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Ma kienx hemm punti imqajjma mill-minuti.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Is-Segretarju semma li konna applikajna għall European Mobility Week u fl-applikazzjoni li għamilna semmejna proġett fuq Ħal Farruġ. Huwa qal li applikajna biex isir living wall li jkun jikkonsisti fi struttura tal-ħadid, b' folja tal-injam li fuqha jitħawwlu pjanti li jkunu weqfin quddiem il-ħajt. Is-Segretarju qal ukoll li fejn hemm il-Pjazzetta tal-Housing Estate u kien hemm l-istruttura fejn se ssir il-funtana applikkajna biex isir topiary.

3.2 Is-Sur. Gatt semma li jixtieq li bħala Kumitat Amministrattiv jiltaqgħu mal-Onor. Silvio Schembri.

3.3 Is-Sur. Saliba saqsa fuq il-mera li kellha ssir fi Triq Wied in-Noqor minħabba l-liwja li kien hemm. Is-Segretarju qal li din suppost diġa saret. Huwa qal li se jiċċekja biex filkaż din issir.

3.4 Is-Segretarju semma li bħala Kunsill konna tfajna proposta t' interess fuq Pre Announcement call li saret sabiex jekk ikun hemm fondi tal-EU, tiġi żvillupata ż-żona li hemm maġenb il-Family Park.

3.5 Is-Sur. Saliba semma l-fatt li Ħal Farruġ ma kienx qed jinżel kennies. Is-Segretarju qal li l-Kunsill kien qed jibgħat ħaddiem fi Triq Wied in-Noqor regolari biex iżomm din it-Triq nadifa. Is-Segretarju qal ukoll li huwa kien kellem lill-kuntrattur biex hawnhekk iżomm il-frekwenza fuq il-knies. Is-Sur. Saliba semma li hawnhekk xorta kien għad fadal ħaxix biex jinqata.

3.6 Is-Segretarju semma li fuq l-items li kien hemm pendenti rigward il-Housing Estate huwa kien bagħat email lill-Housing peress li dawn kienu affarijiet żgħar li setgħu ikunu rimedjati mingħajr spejjeż kbar. Huwa qal li se jerġa jibgħatilhom reminder ieħor peress li kien għad ma kellux risposta.

3.7 Is-Sur. Gatt semma li kien hemm bżonn naraw fuq il-water culverts li hemm fi Triq Wied in-Noqor qabel ma hawnhekk tibda x-xita u jkollna problemi ta' sadd.

3.8 Is-Sur. Saliba semma jekk jistax isir forma ta' proġett fejn hemm l-art li tiġi wara l-Komunita ta' Santa Marija, billi hemm art vasta kollha siġar li tiġi ferm sabiħa.

## 4 AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar il-Ġimgħa 23 ta' Settembru 2016 fis-7.00 pm. Ma kienx hemm data proposta għall laqgħa li jmiss.

______________________ ______________________

Raymond Saliba
Chairperson

Michael Portelli
Segretarju Eżekuttiv